

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2022 – Collard vs Il-Parlament u ID**(Kawża T-53/22)**

(2022/C 158/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiz***Partijiet****Rikorrent:** Gilbert Collard (Vauvert, Franza) (rappreżentant: B. Kuchukian, avukat)**Konvenuti:** Il-Parlament Ewropew u Groupe politique Identité et démocratie (ID)**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla iż-żewġ deċiżjonijiet, l-ewwel dik tas-sospensjoni provviżorja tat-22 ta' Jannar 2022, it-tieni dik tal-eskużjoni tal-25 ta' Jannar 2022;
- tordna s-sospensjoni immedjata taż-żewġ deċiżjonijiet.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors intiż għall-annullament, l-ewwel, tad-deċiżjoni tat-22 ta' Jannar 2022 tal-bureau tal-Groupe politique Identité et démocratie (ID) li tissospendi mill-grupp għal perijodu ta' xahrejn u, it-tieni, tad-deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 2022 tal-Groupe politique Identité et démocratie (ID) li teskludih mill-imsemmi grupp, ir-rikorrenti jallega fir-rigward ta' dawn id-deċiżjonijiet, fil-forma, in-nuqqas ta' osservanza tal-proċedura bażika dixxiplinari u, fil-mertu, li ma għandhom ebda bażi valida.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Jannar 2022 – Rivière vs Il-Parlement u ID**(Kawża T-54/22)**

(2022/C 158/12)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiz***Partijiet****Rikorrent:** Jérôme Rivière (Pariġi, Franza) (rappreżentant: B. Kuchukian, avukat)**Konvenuti:** Il-Parlament Ewropew u Groupe politique Identité et démocratie (ID)**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

- tannulla ż-żewġ deċiżjonijiet, l-ewwel dik tas-sospensjoni provviżorja tal-21 ta' Jannar 2022, it-tieni dik tal-eskużjoni tal-25 ta' Jannar 2022;
- tordna s-sospensjoni immedjata ta' dawn iż-żewġ deċiżjonijiet.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors intiż għall-annullament, l-ewwel, tad-deċiżjoni tal-21 ta' Jannar 2022 tal-uffiċċju tal-Groupe politique Identité et démocratie (ID) li jiissospendi mill-grupp għal tul ta' xahrejn u, it-tieni, tad-deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 2022 tal-Groupe politique Identité et démocratie (ID) li jeskludih mill-imsemmi grupp, ir-rikorrent jikkritika dawn id-deċiżjonijiet, fil-forma, in-nuqqas ta' osservanza ta' proċess elementari dixxiplinari u, fil-mertu, li ma għandhom ebda fondatezza valida.